MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 603/2006

**Maltacom plc**
**u b’digriet moghti minn dan it-Tribunal nhar il-11 ta’ Novembru, 2008, l-isem tal-kumpanija attrici gie mibdul u ghalhekk l-isem ‘Maltacom plc’ gie mhassar u minfloku giet inserita l-kelma “Go plc’ (C 22334).**

**vs**

**Korporazzjoni ghas-servizz ta l-Ilma**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet hlas ta’ mitejn u disa’ ewro u sebgha u disghin centezmi (€209.97) gja` Lm90.14 in kwantu ghal Lm82.14, in konnessjoni ma` hsarat minnha kkagunati lill-infrastruttura tas-socjeta’ attrici fi Triq Sir Harry Luke, Mgarr, f’ Novembru 2003 u dan skond fattura bin-numru 16077 datata 20 ta’ Ottubru, 2004 u ghal Lm8 bhala spejjez in

konnessjoni ma` ittra ufficjali bir-riferenza 10353/05 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 7 ta' Novembru, 2005 debitament notifikata.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-Korporazzjoni konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-Korporazzjoni konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ghaldaqstant, s-socjeta' attrici permezz ta' din l-istanza titlob lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara lill-Korporazzjoni konvenuta responsabbli ghal hsarat minnha sofferti fl-infrastruttura taghha fi Triq Sir Harry Luke, Mgarr, f'Novembru, 2003, inkluz l-ispejjez u l-imghaxijiet legali mill-20 ta' Ottubru, 2004.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta fejn eccepiet illi qieghda tikkontesta t-talbiet attrici stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

Il-Korporazzjoni konvenuta teccepixxi ukoll il-preskrizzjoni biennali, stante illi ma jirrizultax li l-ittra ufficjali numru 10353/05 esebita ma` l-avviz tat-talba giet notifikata lilha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti tal-kawza.

Ra u sema` x-xhieda kif ukoll ra l-*affidavit* kollha pprezentati.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici. Il-Korporazzjoni konvenuta ghazlet li ma tipprezentax nota ta' sottomissjonijiet.

**IKKUNSIDRA**

Illi din il-kawza titratta dwar rizarciment ta' spejjez in konnessjoni ma` hsarat subiti fl-infrastruttura tas-socjeta' attrici allegatament kawzati mill-Korporazzjoni konvenuta.

Illi fir-rigward ta’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta` l-azzjoni, t-Tribunal jirrilleva li l-Korporazzjoni konvenuta ma ecepietx taht liema artiklu qed tibbaza l-preskrizzjoni hlief li tghid illi qed teccepixxi l-preskrizzjoni biennali. Illi huwa pacifiku illi meta parti teccepixxi l-preskrizzjoni hija ghandha ssemmi l-artiklu partikolari tal-Kodici Civili. Illi ghalkemm f’dan il-kaz il-korporazzjoni konvenuta ma eccepietx taht liema artiklu tal-Ligi tal-kodici Civili tapplika l-preskrizzjoni, it-Tribunal xorta wahda huwa tal-fehma illi f’dan il-kaz l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ sentejn kif imsemmija mill-korporazzjoni konvenuta giet interrotta meta l-Korporazzjoni konvenuta giet notifikata b’ittra ufficjali datata 7 ta’ Novembru, 2005, fil-21 ta’ Novembru, 2005. It-Tribunal ghalhekk ha jghaddi sabiex jiddeciedi l-kaz fuq il-mertu.

Mill-provi jirrizulta illi s-socjeta’ attrici kienet subiet hsarat fil-‘cables’ tat-telefon li kienu jinsabu fi Triq Sir Harry Luke, Mgarr, liema hsarat gew kawzati f’Novembru, 2003. Irrizulta illi kien hemm permess mahrug f’isem il-Korporazzjoni konvenuta fil-25 ta’ Novembru, 2003 ghal xi xogholijiet izda l-Korporazzjoni konvenuta qatt ma kienet talbet il-kunsens tas-socjeta’ attrici ghal dawn ix-xogholijiet u s-Socjeta attrici l-anqas ma ntalbet sabiex taghmel l-immarkar necessarji fil-post fejn kienu sejrin isiru x-xogholijiet .

Illi fis-26 ta’ Novembru, 2003 sar rapport lil Kunsill Lokali, Mgarr u l-Ghassa tal-Pulizija fis-26 ta’ Novembru, 2003 dwar hsarat subiti mis-socjeta’ attrici fil-25 ta’ Novembru, 2003.

Illi mid-dokumenti ezebiti jirrizulta illi kien hemm xi hsarat allegatament ikkawzati mill-Korporazzjoni konvenuta meta kienet qed taghmel xi xogholijiet ta’ thaffir fl-istess post fejn kienu jinsabu l-‘*cables’* tas-socjeta’ attrici. Illi mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Kunsill Lokali ta’ l-Imgarr giet ikkonfermata ordni ghal xogholijiet fil-25 ta’ Novembru, 2003 bil-permess numru 21541 mahrug mill-Kunsill Lokali ta` l-Imgarr.

Mill-provi jirrizulta illi kemm il-Pulizija, kemm l-ufficjali tal-Kunsill Lokali kif ukoll ufficjali tas-socjeta’ attrici ma kienux marru fuq il-post fejn kienu saru x-xogholijiet izda qaghdu fuq ir-rapporti maghmula mis-socjeta’ attrici. Inghad ukoll illi peress illi ma kienetx saret talba mill-Korporazzjoni konvenuta ghall-immarkar tal-‘*cables’* tas-socjeta’ attrici, l-‘*cables’* per konsegwenza gew milquta`. It-Tribunal jirrilleva illi l-unici xogholijiet ta’ infrastruttura f’dik il-gurnata u f’Sir Harry Luke Street, Mgarr kien biss ix-xoghol tal-Korporazzjoni konvenuta.

Illi r-rapprezentant tal-Kunsill Lokali, Mgarr kienet ipprezentat *‘seduta stante* dokumenti bil-permess numru 2076/2003 u 38/0697/03. It-Tribunal huwa tal-fehma illi d-dokument 38/0697/03 ezebit huwa l-uniku dokument li kellu rabta mal-mertu ta’ din il-kawza . Id-dokument 2076/2003 ma kellu ebda rabta peress illi ma jsejjahx l-istess perjodu tal-hsarat subiti mis-socjeta’ attrici u ghaldaqstant ma hax konjizzjoni ta’ dak id-dokument. Izda rigward id-dokument 38/0697/03 a fol.78 it-Tribunal huwa tal-fehma illi fil-25 ta’ Novembru, 2003 il-Kunsill Lokali kien gharraf lis-socjeta’ attrici bi hsarat fi qtugh ta’ ‘*wire*’ tat-telefon wara li saru xoghol tas-servizzi ta’ l-ilma. Illi jidher illi skond l-‘*action trail’* sad-29 ta’ Dicembru, 2003 kien hemm xi notamenti interni. Illi d-dettalji fid-‘*data sheet’* a fol.77 ta` l-atti ezebiti mill-Kunsill Lokali Mgarr, tippreciza illi l-qtugh tas-servizz tas-socjeta’ attrici kien sar fi Triq Sir Harry Luke, Mgarr hdejn il-garaxx ta’ Michael Galea & Sons. Id-dettalji jaqblu mad-dettalji mnizzla fir-rapport tal-Pulizija fis-26 ta’ Novembru, 2003.

In konkluzjoni, jirrizulta lit-Tribunal illi kien hemm talba ghal xogholijiet mill-Korporazzjoni konvenuta fi Triq Sir Harry Luke, Mgarr ghall-liema talba inhareg permess mill-Kunsill Lokali, Mgarr izda ghal liema xogholijiet is-socjeta’ attrici ma gietx mitluba sabiex taghti l-kunsens taghha u l-anqas sabiex tassisti billi timmarka l-post fejn setghu jkunu l-‘*cables’* taghha, jekk kien il-kaz. Jirrizulta wkoll illi l-Korporazzjoni konvenuta qabdet u wettqet ix-xogholijiet li kellha taghmel minghajr ma kienet accertat ruhha jekk kienx hemm xi infrastruttura ta’ terzi fl-istess inhawi.

It-Tribunal jidhirlu illi kull min ha jkun ha jhaffer fi triq ghandu obbligi li jhares l-infrastruttura ta' terzi u jirrizulta li f'dan il-kaz il-Korporazzjoni konvenuta naqset milli thares l-infrastruttura tas-socjeta' attrici meta fil-25 ta' Novembru, 2003 il-Korporazzjoni tas-servizzi ta' l-ilma wettqet xogholijiet f'Sir Harry Luke Street, Mgarr fl-istess post fejn is-socjeta' attrici subiet hsarat fl-infrastruttura taghha.

Illi fir-rapport tal-Pulizija li kien sar a '*tempo vergine'*, l-ufficjali tal-Pulizija li kien ghamel ir-rapport kien nizzel illi l-incident kien *'solved'* peress illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici kien infurmah illi z-zewg partijiet kienu ha jsolvu l-kwistjoni bejniethom. Mid-dokumenti ezebiti jidher illi l-Pulizija ta' l-ghassa, ma kienx mar fuq il-post ta' l-incident u hass illi kellu jibqa' fuq ir-rapport kif maghmul mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici.

Illi l-kaz quddiem dan it-Tribunal huwa wiehed fejn il-fatti dannuzi hallew impronta ta' din l-istess htija. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-Korporazzjoni konvenuta naqset milli tosserva l-procedura stabilita li ghanda tigi segwita qabel ma jsiru xogholijiet infrastrutturali. It-Tribunal ghalhekk huwa moralment konvint u m'ghandux dubju illi l-hsarat gew kagunati waqt li kienu ghaddejjin ix-xogholijiet mill-Korporazzjoni konvenuta.

Illi ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-imghaxijiet mid-data tas-sentenza.

Spejjez ghall-Korporazzjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------